MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 131/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carla Rosita Abela**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carla Rosita Abela, detentriċi tal-karta tal-Identita` bin-numru 80699M, talli:

(1) bi ksur ta’ l-artikoli 43(1)(a), 18(1), 18(2) u 18(3) ta’ 1-Att dwar Servizzi ta’ l-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, fil-5 t’Ottubru 2011 u l-ġranet ta’ qabel, operat jew ippermettiet li tiġi operata attivita` turistika (hostel/post għall-btala/familja ospitanti) fil-post 14, My Way, Triq Albert M. Cassola, Swieqi, mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ liċenzja maħruġa mill-Awtorita`;

(2) bi ksur ta’ 1-artikoli hawn fuq imsemmija fl-istess post u ġranet kriet jew ħalliet turisti jokkupaw taħt xi titolu, jew lil turisti xi jedd għall-kiri, jew xi titolu ieħor għall-okkupazzjoni mingħajr ma kien hernm liċenzja valida rnaħruġa mill-Awtorita` li tawtorizza dan il-kiri, trasferiment jew okkupazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jekk l-imsemmija Carla Rosita Abela tinsab ħatja minn din il-Qorti tiġi kkundannata tħallas multa u tottempera ruħha mal-liċenzja ai termini tad-dispożizzjonijiet ta’ l-artikoli 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2012 fejn dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta’ l-imsemmija Carla Rosita Abela, wara li rat 1-artikoli 18(1)(2) u (3) u 43(1) u (2) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-istess Carla Rosita Abela ħatja ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena (12-il xahar) mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat in-nota tal-*parte civile* l-Awtorita` tat-Turiżmu ta’ Malta ppreżentata fl-14 ta’ Marzu 2012 fejn talbet biex tipprevalixxi ruħha mill-fakolta` mogħtija lilha mil-liġi, senjament l-artikoli 413 u 414(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u dana billi tinterponi appell u dan fis-sens li filwaqt li s-sentenza fuq imsemmija tiġi kkonfermata fejn l-imputata ġiet misjub ħatja, l-istess sentenza tiġi riformata f’dik il-parti li tikkonċerna l-piena mogħtija u cioe` fejn l-imputata ġiet lliberata taħt il-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena u minflok tapplika l-piena minima taħt l-artikolu 43(1) tal-Kap. 409;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din il-Qorti tosserva qabel xejn li l-appell in kwistjoni ġie ntavolat mill-*parte civile* u ġie ntavolat permezz ta' nota. Issa, il-Kodiċi Kriminali jitkellem ċar dwar min jista' jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali: jistgħu jappellaw il-persuna misjuba ħatja f'kull każ (art. 413(1)(a)), fil-każijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b), "l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant", u, fil-każijiet l-oħra kollha, (art. 413(1)(c)), l-Avukat Ġenerali.

**6.** Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Vella**, ġie ritenut hekk:

**"Jiġifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta (a) ir-reat ikun ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri jkun jinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien ma' l-Artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa ħlief bil-kwerela tal-offiż; u (c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiż kif provvdut fl-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali b'mod li s-sentenza tingħata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiż) u tal-kwerelat (l-imputat) (u għalhekk mill-*occhio* tas-sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawża huma l-kwerelant u l-imputat, u mhux il-Pulizija u l-imputat)(ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Philippa Farrugia*, 6/12/1995 u s-sentenzi l-oħra imsemmija f'din is-sentenza; *Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*, 20/1/1997; u *Il-Pulizija v. Raymond Sultana*, 11/7/1997)."**

**7.** Fil-każ odjern, il-prosekuzzjoni nbdiet b'taħrika ta' kawża tal-Pulizija u mhux b'taħrika ta' kawża privata, u l-azzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva – kif del resto jixhed l-*occhio* tal-kawża: **<u>Il-Pulizija</u> v. Carla Rosita Abela**. Għalhekk seta' jappella biss l-Avukat Ġenerali. Il-kwerelanti Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta setgħet biss se mai tagħmel it-talba skond l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali

biex dan – l-Avukat Ġenerali – jikkunsidra kellux jappella.[1] Ma jirriżultax li saret tali talba. Difatti, mid-diċitura tat-talba kontenuta fin-nota tagħha, l-Awtorita` tat-Turiżmu ta’ Malta ddeskriviet lilha nnifisha bħala “l-prosekuzzjoni” u li kienet qed “tinterponi umli appell”. Dan ma setgħetx tagħmlu ġaladarba l-prosekuzzjoni f’dan il-każ, kif diga` ntqal, tmexxiet mill-Pulizija Eżekuttiva u mhux mill-imsemmija Awtorita`.

**8.** Jingħad ukoll illi a tenur ta’ l-artikolu 417 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, “[l]-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b’rikors …” (sottolinear ta’ din il-Qorti), u mhux b’nota.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara diversi Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Bugeja** tal-25 ta’ Jannar 2008.